**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Settembru, 2020**

**Talba Nru: 24/2020PM1**

**Paul Micallef (K.I. 413759(M))**

**Vs**

**William Spiteri (K.I. 321982(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2020 permezz ta' liema l-attur talab lil-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat elef, disa' mija u wiehed u sittin euro u sebgha u erbghin centezmi (€4961.47) rapprezentanti hlas ta' prezz ta' oggetti varji mibjugha u kkonsenjati kif jirrizulta mill-prospett anness mal-istess avviz tat-talba (Dok. 'A' anness).

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja ossija 24 ta' Lulju, 2018 kontra l-istess konvenut.

Ra l-prospett anness mal-istess avviz tat-talba u mmarkat Dok. 'A'.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2020 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2020 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-prspett ezebit in atti u anness mal-avviz tat-talba bhala Dok. ‘A’ (a fol. 2 tal-process). Tenut kont tal-fatt li s-somma mitluba tirrapprezenta prezz ta’ prodotti mibjughin u kkonsenjati mill-attur lill-konvenuta fuq medda ta’ numru ta’ snin permezz ta’ diversi konsenji, it-Tribunal isib li hija gustifikata wkoll it-talba attrici ghall-imghaxijiet mid-data tal-ahhar konsenja u cioe` mill-24 ta’ Lulju, 2018 meta l-ammont mitlub seta’ jigi kjarament likwidat u dana wkoll a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attur is-somma mitluba ta’ erbat elef, disa’ mija u wiehed u sittin euro u sebgha u erbghin centezmi (€4,961.47) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru intavolat kontestwalment mal-kawza u bl-imghax mill-24 ta’ Lulju, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**